**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 371/2020*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Francis Vassallo, detentur tal-karta tal-identità numru 93055(M)**

**Illum**: 4 t'April, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Francis Vassallo** u cioe` talli:

> F'dawn il-gżejjer u ċioè bejn it-13 t'April 2020 u fix-xhur ta' qabel bħala propjetarju u/jew amministratur tal-fond Louisa Hair Spa Concept, Triq Santa Marija, Għaxaq, li jinsab biswit ir-residenza 2, Symphony, Triq Santa Marija, Għaxaq, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, b'mezz qarrieqa għamel użu ta' konsum ta' elettriku illeġittimu li tali konsum huwa kkommetta serq ta' kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li jiskorri l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2329.37 Ewro ) u bil-'ħin' u dan għad-dannu ta' Louisa Cesare u/jew John Paul Cesare, u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi tapplika wkoll il-provedimenti li hemm fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Lulju, 2021, permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 18, 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 264(1), 264(2), 265, 266, 267, 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280, 281, 283, 284, 326 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat,

Illi jiġi rilevat preliminarjament li l-imputazzjoni kif addebitata tirrigwarda serq ta' kurrent elettriku fit-*"13 t'April 2020 u fix-xhur ta' qabel"* u cioe` l-imputazzjoni ġiet limitata għat-12 il-xahar li preċedew it-13 t'April, 2020. Għalhekk l-għemil tal-imputat li seħħ qabel it-13 t'April, 2019, seħħ barra mill-parametri temporali tal-imputazzjoni kif arġinata.

Hi tassew ħasra, li kif jixhed il-**Current Inċident Report**[3] stess, minflok ma l-Pulizija ħadet azzjoni immedjata fuq ir-rapport magħmul minn Louisa Cesare nhar it-13 t'April, 2020 u ġiet investigata l-allegazzjoni ta' serq ta' kurrent elettriku mill-fond tagħha, dawn segwew parir minn xi ħadd tal-*Customer Care* tal-Arms, w tefgħu ir-responsabiltà fuq il-kwerelanta sabiex tkun hi li tressaq provi jekk hemmx serq ta' dawl jew le. Dakinhar Cesare kienet għaddiet saħansitra l-*meter readings* lil Pulizija li dehru jiżdiedu minkejja li l-post kien magħluq.

Jiġi mfakkar li serq ta' kurrent elettriku hu reat w irrispettivament minn dak li setgħet qalet rappreżentant tal-Arms, u cioe` biex Cesare tqabbad *electrician* privat sabiex jiddetermina hemmx serq ta' dawl, fuq il-pulizija baqa' l-oneru w

[1] Fol.224
[2] Fol.225
[3] Fol.5-8

d-dover esklussiv li jinvestigaw suspett ta' reat u dan skond kif kontemplat bl-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali; *multo magis* wara li sar rapport.

Wara li fit-18 t'April, 2020, il-kwerelanta ħadet lil pulizija dikjarazzjoni magħmulha mill-*electrician* tagħha, il-pulizija reġgħet naqset minn dmirijietha b'mod sfaċċat. B'din id-dikjarazzjoni kien ovvju li ***"kien hemm wire għaddej ghal ġewwa shaft illi l-kwerelanta ma għandhiex aċċess għalih"!***[4] Cesare ppreżentat anke il-kuntratt tal-2005 magħmul ma Vassallo fejn minnu jirrizulta li kien Vassallo li għadda d-dawl u l-ilma fil-ħanut mikri lil Cesare.[5]

Iktar minn hekk, marret l-għassa marret bil-provi f'idejha iżda għal darba oħra il-pulizija b'abbandun totali tad-doveri tagħha lanqas ma ndenjat ruħha iżur il-post u tara b'għajnejha dak li kien qed iseħħ. Il-pulizija kienet fi dmir li, minn tal-inqas wara t-tieni darba li Cesare rrikorriet għandha bil-provi f'idha, titlob inkjesta maġisterjali u mhux tistenna li tkun il-qorti li tagħmel xogħolha xhur wara meta l-għemil inkriminat ikun ġie osturat. Jirrizulta li l-pulizija ħallew sal-21 t'April, 2020 biex ippruvaw jagħmlu kuntatt mal-imputat - kuntatt biss u mhux xi azzjoni koersiva – billi tħallietlu *letter to call*![6]

Mix-xiehda ta' John Paul Cesare jirrizulta li tant damet biex il-pulizija tkellem lil Vassallo li hu kien laħaq ikkonfrontah wara dik id-dikjarazzjoni mill-*electrician* tiegħu, wara beda jisma xogħlijiet isiru għand Vassallo!

**PS 1042 Aaron Caruana** ikkonferma l-Current Inċident Report.[7] Is-surġent jikkonferma li minkejja r-rapport li sar minn Cesare hu qatt ma daħal fil-post in kwistjoni. Dak li għamel kien li informa lill-imputat bir-rapport u ssejjaħlu biex imur l-għassa![8] Is-**Supretendent Trevor Micallef** ikkonferma li l-pulizija qatt ma marret fil-fond in kwistjoni biex tinvestiga r-rapport magħmul minn Cesare.[9] Jgħid li kien biss fl-1 ta' Mejju ħa stqarrija[10] lil Vassallo, fejn l-imputat għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda rigward il-kuntratt tal-kera[11] tal-ħanut u kif inħadmet il-kommunikazzjoni tad-dawl fil-fond mikri lil Cesare.

Ovvja li Vassallo kellu biżżejjed żmien sabiex jaħbi kull traċċa ta' reat ipperpetrat minnu. Il-mod kif mexxiet il-pulizija f'dan il-każ jisfida l-buon sens

---

[4] Fol.7
[5] Fol.107 et seq, **Dok.JPC** ikkonfermat minn Louisa Cesare a fol.117.
[6] Fol.8
[7] Fol.78
[8] Fol.79
[9] Fol.137
[10] Fol.10-11
[11] Kopja li għaddietlu Cesare a fol.12-18. Kopja oħra esibita minn John Paul Cesare, **Dok. JPC** a fol.107-112 u kkonfermata minn martu a fol.117

u kull forma ta' *good practice* meta jitqies li Vassallo ġie mitkellem nhar l-1 ta' Mejju 2020, wara li ngħata preavviż ġimgħa qabel fil-21 t'April, 2020; tlett ġimghat wara r-rapport inizjali ta' Cesare, ġimgħatejn wara id-dikjarazzjoni inkriminanti mill-*electrician*! Biżżejjed jingħad li t-taħrika nħargitlu fis-6 t'Awissu 2020 - 4 xhur wara!

*Ir-Rapporti l-Għassa: azzjoni fuqhom ittieħdet tard wisq u kontra kull forma ta' good practice*

**Louisa Cesare** xehdet kif ilha topera l-ħanut Louisa Hair Spa Concept fi Triq Santa Marija, Għaxaq, mill-2010 wara li nkera mingħand l-imputat.[12] Ftit qabel ma ħarġu l-istruzzjonijiet mill-awtoritajiet tas-saħħa biex stabbilimenti jingħalqu minħabba l-Pandemija, hi kienet diġà għalqet is-salon; Cesare tfiet kollox u qalet il-plakkek kollha. Wara ftit żmien, żewġha qalilha tittawwal sal-ħanut biex tassigura li kollox kien sew. Meta marret tiċċekkja l-ħanut **innutat li kien hemm bozza tteptep fuq l-arloġġ tad-dawl u fuq parir ta' żewġha ħadet il-qari tal-arloġġ u ritratti tiegħu**.

Ġimgħa u nofs wara reġgħet marret il-ħanut biex tiċċekkja l-arloġġ fejn ghal darba oħra ntebħet li l-arloġġ kien qed jirreġistra l-konsum. Cesare ċemplet lill-Enemalta plc. sabiex tivverifika jekk l-arloġġ kienx qiegħed jiffunzjona sew u dan ġie kkonfermat fl-affermattiv. Sussegwentement ingħatat parir mill-Enemalta sabiex tmur tagħmel rapport l-għassa sabiex jiġi investigat jekk kienx hemm każ ta' serq ta' dawl. Ix-xhud tispjega li ġabet *electrician* li eżamina s-sistema elettrika tal-ħanut. Kien hawn li **nstab *wire* għaddej ghal ġol-garaxx tal-imputat**. Ix-xhud tkompli li hija kienet infurmat lill-pulizija sabiex tintervjeni, *"Jien bdejt ngħid lill-Pulizija jiġu imma bdew jgħiduli ma nistax niġi għax l-ewwel irid jiġi inkriminat [sic] imbagħad niġu u naraw aħna"*[13].

Ix-xhud għaddiet biex tindika l-kronoloġija ta' kif ġie skopert dan is-serq ta' dawl. Ta min ifaħħar l-intuwizzjoni ta' Cesare li kull meta marret il-ħanut ħadet ritratti tal-*readings*, qari li kontinwament kien qed jiżdied, liema ritratti għaddiethom lill-pulizija.[14] Dawn il-qari ttieħdu fid-dati segwenti: fit-28 ta' Marzu, fis-6 t'April (mhux leġibbli iżda juri li l-qari inbiddel minn dak tat-28 ta' Marzu) u fl-10 t'April, 2020.
Jirrizulta li fit-28 ta' Marzu, 2020, marret il-ħanut u sabet li l-arloġġ tad-dawl kien qiegħed jimmarka l-qari 62128.07. Fl-10 ta' April, reġgħet marret il-ħanut fejn reġgħet sabet li fuq il-*meter* kienu gew reġistrati xi *units* oħra. Għat-tielet

[12] Fol.39-40
[13] Fol. 43
[14] Fol.21-34

darba Cesare reġgħet marret il-ħanut meta kien filgħaxija w sabet li l-*units* fuq l-arloġġ kienu reġgħu żdiedu. Kien hawn li Cesare kkonfermat is-suspett tagħha li l-*units* fuq l-arloġġ kienu żdiedu minn 62128.07 għal 62230.05: **f'erbat ijiem inħlew 102.43 *units*, il-fuq minn 25 *unit* kuljum!**[15] Ix-xhud tkompli fit-13 ta' April (it-Tnejn) hi kienet ħadet din l-informazzjoni kollha l-għassa w aktar tard fil-ġurnata, meta reġgħet żaret il-ħanut, innutat żieda fil-*units* reġistrati fuq l-arloġġ tad-dawl. Fl-14 ta' April, (t-Tlieta) ġabet l-*electrician* sabiex jagħmel spezzjoni fil-fond in kwistjoni fejn dan **tefa' l-*main* tad-dawl** sabiex ikun jista' jiċċekkja l-plakkek. Tkompli *"l-ghada l-Erbgħa*[16] *biex mort nara biex niccekja jien, insibu li dan waqaf imbaghad u ġie zero zero, ..... ġie jagħmel ix-xogholijiet l-electrician minghalija l-Hamis u hadna xi ritratti fejn hawnekk* ***sibna kanna ghaddejja taghti ghal go dak is-switch*** *li rajna u tlabna l-Pulizija jiġu u ma gewx, ma setghux jiġu. Għalhekk qabel ukoll l-ilma jien ma nistax niggarantixxi għax ma ghamiltx prova. Sadanittant jien il-kera ma tajtilux biex forsi sakemm nitkellmu u nirrangaw u naghmlu l-affarijiet, pero' mbaghad ipprezentajtilu f'Lulju din il-kera u ghadha ma sarrafhiex [ic-cekkijiet ghadhom ma ssarfux]".*[17]

Cesare ikkonfermat li meta waqqfet il-ħlas tal-kirja minħabba għall-fatt li kellha tagħlaq kawża tal-pandemija, kienet ġa skopriet li kien hemm is-serq ta' dawl, madanakollu lill-imputat qatt ma kkonfrontatu bil-kwistjoni dwar is-serq ta' dawl għaliex ippreferiet tmexxi bil-Pulizija.[18]

Tajjeb jiġi rilevat minn issa, tenut kont li l-abbli difiża bħal donnha trid timplika li, ġaladarba Cesare ma rriferietx għal din il-kwistjoni meta ħalliet ittra biċ-ċekkijiet għal kera dovuta lil Vassallo, l-allegazzjoni ta' serq ta' dawl kien biss pretest biex ma tħallasx dak minnha dovut bħala kera.[19]

Il-Qorti ma taqbilx! Il-kwistjoni tal-ħlas tal-kera hi għal kollox estraneja mill-kwistjoni li l-aktar kienet qed tippreokkupa lil Cesare, is-serq ta' kurrent elettriku w għalhekk il-Qorti ma tikkondividix it-teżi tad-difiża. Meta nkitbet l-ittra f'Awissu, 2020, kienu ġa nħarġu l-akkużi lil Vassallo fuq rapport ta' Cesare li kien sar xejn anqas minn erba' xhur qabel. Għalhekk bir-raġun kollu w b'rispett ghal fatt li l-ilment tagħha kien issa f'idejn il-Pulizija, li din ma semmiet xejn dwar is-suspett tagħha dwar serq ta' dawl. Filwaqt li s-serq tad-dawl kien jirreferi ghall-materja li grat fil-passat, l-ittra dwar tiġdid tal-kuntratt tal-kera tirreferi għal prospetti futuri. Għalhekk ma hemm xejn f'dan li jimmilita milli titwemmen il-verżjoni sostanzjata sal-aħħar dettal tal-koppja Cesare!

---

[15] Fol.44-45

[16] L-erbgħa 15 t'April, 2020

[17] Fol.45. Ċekkijiet tal-kera esibiti a fol. 56-57

[18] Fol.46

[19] Fol.239-240. Vide **Dok. FV1** a fol.246

Fix-xhieda tiegħu, **John Paul Cesare**[20]**,** spjega kif sa mill-2015 kien jikri l-fond in kwistjoni mingħand Francis Vassallo. Wara li għamel żmien bħala ħanut tal-ħut, martu fetħitu bħala *hairdresser* bl-isem Louise Hair Spa Concept. Fi żmien li faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, hu w martu ndunaw li qeghdin jiġu misruqin "*għax kellna kollox mitfi u l-arloġġ baqa' tteptep*"[21]. Meta ċempel lill-Enemalta ġie infurmat sabiex jagħmel rapport fl-għassa tal-Pulizija, b'hekk sar rapport fl-għassa taż-Żejtun.[22] Ix-xhud ikkonferma li fuq wara tal-ħanut mikri lilhom, Vassallo għandu garaxx, filwaqt li sovrapost għall-ħanut hemm ir-residenza tiegħu. Hi ferm sfortunata d-dikjarazzjoni tax-xhud: ***"Qas kienu ġew il-pulizija biex jivverifikaw il-verità".*** [23] **I**x-xhud semma kif il-kontijiet dejjem kienu qeghdin jiġuhom għoljin bl-ammonti jvarjaw bejn 400 u 600 Ewro.[24] Ġie esibit il-kuntratt tal-kera[25]

Cesare jispjega kif wara li nkariga *electrician b*iex jispezzjona l-post, u bdew ikissru t-trinek fil-ħitan tal-ħanut, l-*electrician* ried jara minn fejn kien qed jiġi misruq il-kurrent: "*Bdejna inkissru mill-biċċa tax-shaft u bqajna insegwu l-wire sa fejn* ***sibna l-pipe u waqafna. [il-wire] kien jagħti għal ġo pipe u kien sejjer fix-xaft tas-sinjur****"*.[26] Meta kien ikkonfronta lill-imputat, dan qalu li ma kellu xejn irregolari w stiednu "*iftaħli kawża l-Qorti*".[27] Kien daħal għandu w sab kollox imkaħħal u mgħotti.[28]

John Paul jispjega li **wara li kien ikkonfronta lill-imputat** u "*sakemm il-pulizija avżat lis-sinjur illi dan ħa jiġi akkużat, il-mara kienet tisma* ***ħafna storbju, tqattieh, irranġar*** *sewwa u bdiet tgħidli x'inhu jirranġa. Għidtilha ħeq mela jiena naf. Sewwa ma nistax nidħol ġo propjeta privata tiegħu biex nara x'inhu jagħmel.*"[29] Dak li sabu hu w l-*electrician* ġie kkonfermat mill-esperti tal-Qorti: "*Imbagħad ġew l-esperti tal-Qorti. Għax imbagħad l-elektrixin tiegħi mill-ewwel mar fejn kien hemm il-wire fetħu l-wire ....Fetaħ il-wire. L****-espert tal-Qorti ivverifikalna li l-wire sejjer għal ġol-main switch tiegħi, għal ġos-salvavita****. Qal lis-sinjur,* ***qallu biex itih bozza biex iqabbada u kif qalli ixgħel il-main switch xegħlet il-bozza...... Il-bozza kienet ġol-post privat tiegħu."***[30]**.**

---

[20] Fol 97
[21] Fol.97-98
[22] Fol.99
[23] Fol.100
[24] Ibid.
[25] **Dok.LC1** kuntratt datat 17 ta' Settembru 2009. Kopja tal-kuntratt tal-2005 esibita bħala **Dok.JPC** a fol.107-112. Gew eżebiti wkoll kuntratti dwar *change of use* awtorizzat mis-sidien, konjugi Vassallo a fol.113-121
[26] Fol.101
[27] Fol.100
[28] Fol 102
[29] Fol.103
[30] Fol.103

Għalhekk jagħmel ħafna sens li l-koppja Cesare bdew jisimgħu ħafna tqattieħ u storbju ġej mingħand Vassallo. M'hemmx dubbju li issa li Vassallo induna li l-għemil tiegħu ġie skopert minn Cesare, li kien għadu kif ikkonfrontaħ, ried ineħħi kull traċċa ta' dak li kien jinsab fil-ħitan ta' daru, mgħotti w mkaħħal!! Madanakollu dak li ma setghax ineħħi għal kollox kienu l-*wires* bil-kurrent li biex setgħu jitneħħew, ta' bilfors kien jeħtieġ aċċess ghal *main switch* li jinsab fil-ħanut ta' Cesare. Kien ma dan il-*main switch* li kien kommunikat il-*wire* li **jagħti għal fond fil-pussess esklussiv tiegħu**!

*Installazzjoni dawl u ilma saret mill-imputat: L-installazzjoni twassal għal fond li jappartjeni esklussivament lill-imputat*

Dak li jirrizulta w jimpinġi direttament fuq il-mertu in deżamina, hu l-fatt li l-installazzjoni tad-dawl u l-ilma saret mill-imputat**;** għal dan ix-xogħol Cesare ħallsuh LM2,300[31] kif jixhed il-kuntratt ta' lokazzjoni datat it-30 ta' Mejju, 2005,[32] esibit minn Louisa Cesare.[33] Cesare tikkonferma ukoll li l-kontijiet tad-dawl w ilma dejjem gew imħallsin minnha w minn żewġha kif stipulat fil-kuntratt tal-kirja.[34]

**Joseph Deguara** l-*electrician* inkarigat minn Cesare kien mar fil-ħanut tax-xagħar darbtejn: *"L-ewwel darba mort fuq il-post, tfejt il-main tal-klijenti, l-arloġġ rajtu ma jteptipx u daqshekk u tlaqt...... Mort biex nitfi l-main ħa nara hemmx xi problema bil-meter tal-Gvern u ovvjament x'hin tfejt il-main il-figuri ma baqgħux telgħin..... It-teptipa waqfet ehe"*.[35] It-tieni darba li Jean Paul Cesare talbu jagħmel spezzjoni fil-ħanut in kwistjoni[36] sab li *"one of the electrical circuits, enclosed in electrical conduit is running to a shaft which Mr Cesare has no aċċess to"*.[37] Dan jikkonfermah meta jixhed *viva voce* w muri ritratt[38] jispjega li ra ***tear wall socket "ftahtha u rajt tlett wires jidhlu ġol-conduit u jiehdu r-rotta lejn is-shaft li jien ma ghandix aċċess ghalih"***[39]**.** Deguara hu ċert li dakinhar li **ra b'għajnejh il-*meter* jirreġistra konsum**, **il-ħanut kien magħluq** minħabba l-pandemija. Jikkonferma li l-*wires* li rahom ħierġin mill-*conduit* kienu "Għaddejjin minn go

31 Fol.52
32 **Dok.LC** a fol.50-55
33 Fol.39-43
34 Fol.42
35 Fol.83-84
36 Fol.83
37 Fol.19
38 Fol.19
39 Ibid.

*plakka jidħlu ġol-conduits u jiġbdu d-direzzjoni tax-shaft."*[40] ***Shaft* li aċċess għalih jirrizulta li kellu biss l-imputat u li dejjem kien fil-pussess esklussiv tiegħu!**

Il-**Perit Valerio Schembri** iddeskriva kif sar aċċess flimkien mal-Inġinier Tonna fil-ħanut u fond appartenenti lill-imputat. Irriżulta *"hemm connection mid-distribution box tal-hair salon, iddur spjegajt fuq il-pjanta kif għaddej il-fil kif spjegali l-engineer, u tibqa ħierġa għal ġox-xaft u tgħaddi minfuq rewwieħa li hemm li tagħti għal ġo kamra li hemm tas-salon. Issa* ***ix-xaft huwa aċċessibbli mill-garaxx tal imputat****. Issa meta l-engineer neħħa l-fil ta' fejn qiegħed it-tikħil* ***sibna tlett wires ittapjati bil-blu u sibna tape blu pariġġu****...... Ma nafx jekk mhux l-istess romblu... Rajna romblu u l-kulur huwa l-istess bħat-tape li kien hemm.... Li kien hemm imdawwar mal-wires".*[41] Fil-konklużjoni tiegħu l-Perit Schembri jgħid: *"dak skopert in situ f'dan l-istadju tal-kawża ma jistabbilixxi l-ebda konnessjoni illegali; jistabbilixxi biss* ***konnessjoni mad-distribution tal-fond propjetà ta jew amministrata mill-kwerelanti li fil-jum tal-aċċess ma kienx qed isir użu minnha."***[42]

Hawnhekk il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li għandu raġun jikkonkludi hekk il-Perit Schembri. Ma għandux jintesa li l-perit jispjega li wasal ghal din il-konklużjoni abbażi tal-ipoteżi tiegħu – mhux sostanzjata bl-ebda mod - li fil-passat ix-*shaft* seta' kien jixgħel minn naħa tas-salon. Iżda il-perit kien ghal kollox injar għall-fatt li mill-kuntratt tal-2005 jirrizulta li l-dawl u l-ilma ġew mgħoddija mill-imputat, qabel ma l-kwerelanti ħadu f'idejhom il-kirja tal-fond in kwistjoni, hekk kif hu injar dwar l-evidenza li kien qed jiġi reġistrat konsum fuq perjodu ta' żmien meta l-ħanut kien magħluq! Daqstant ieħor il-Perit Schembri ma kienx konsapevoli tal-fatt li l-kwerelanti qatt ma ġew infurmati b'din il-*connection*; *connection* li minnha kien għadu għaddej id-dawl!

X'raġuni kien hemm, jekk mhux għax kollox sar bil-ħabi, biex Vassallo ma jinformax lil Cesare b'din il-*connection* ma' l-*main switch* tagħhom għax-*shaft* tiegħu? Ma jagħmilx sens, kif jixhed li din tħalliet għax żmien qabel kellu l-fniek fil-garaxx u kien għamel *extractor.* Ċertament wara li l-ħanut ngħata b'kirja ma kienx ser ikun hemm aktar fniek u daqstant ieħor ma kienx hemm bżonn aktar ta' *extractor.* Allura x'sens kien hemm jekk mhux ghall-raġunijiet ovvji li jħalli *wire* għaddej ghal-għandu! Il-verità hi li l-*wire* għamlu jagħti għall-għandu meta kien qed jinstalla d-dawl propju biex jisfrutta kemm jista' mill-kirja li ngħatat lil Cesare w jibbenefika mid-dawl reġistrat fuq il-meter tal-ħanut mikri lilhom. L-**Inġinier John Tonna,** espert inkarigat mill-Qorti iddeskriva kif fit-23 ta' Settembru, 2020, huwa għamel aċċess fil-fond bl-isem *Louise Hair Spa Concept*,

---

[40] Fol 85
[41] Fol.122-123
[42] Fol.133

fi Triq Santa Marija, Għaxaq. Wara li talab biex fuq il-post imur l-*electrician* Deguara, hu ġie muri minn Deguara fejn kien qiegħed il-*wire* għaddej mill-ħanut ta' Cesare u għal fejn kien qiegħed jagħti. Sussegwentement, Tonna għamel xi testijiet fuq l-arloġġ li rriżulta kien qiegħed jaħdem tajjeb. [43]

Wara li aċċerta ruħu li l-installazzjoni kienet qed taħdem tajjeb, Deguara urieh il-*wire* li sab biex b'hekk hu beda jindaga il-*wires* minn fejn kienu ġejjin u lejn fejn kienu sejrin: *"u segwejt il-wires kollha .....ridt nkun cert li huma minn fejn gew u minn huma sejrin. Naturalment imbaghad dahal fuq il-post is-Sur Francis Vassallo li joqgħod fuq il-ħanut, staqsejtu jekk hux ix-xaft hux tiegħu għax sa dan il-hin* ***sibt li l-wires huma gejjin mill-kaxxa tad-dawl ta' hdejn l-arloġġ ghal gox-xaft****, jigifieri dik kont sibtha bhala fizikament u hu qalli li dak il-wire kien sejjer gox-xaft tiegħu għax fi żmien ilu kellu extractor fan imqabbad miegħu. Dak il-hin ġie ukoll il-Perit Valerio Schembri u tlabnih biex naraw ix-xaft.* ***Huwa fethilna l-garaxx biex naraw ix-xaft u meta dhalt fil-garaxx urieni fejn hu x-xaft. Tlabtu li ridt inkisser biex nara l-wires li kont rajt minn naha l-oħra tal-ħanut minn gox-xaft u sibt li l-wires, dawk li kont qed infittex jiena li kienu mqabbdin, kienu dehlin ghal gox-xaft sibt it-trufijiet taghhom*** *kif hemm fir-ritratt. Ftahtu u sibt tlett wires ittejpjati bid-dawl, bit-tape. U x'hin nehhejt it-tape sibt* ***li kienu bil-kurrent dawn, jigifieri kienu ghadhom bil-kurrent fuqhom. Naturalment jien xeghelt bozza biex inkun cert mija fil-mija u urejtilhom tixghel il-bozza u tlabthom jitfu il-main switch li ghandha fil-ħanut biex zgur inkunu certi li......imqabbdin mal-arloġġ tas-Sinjura li hemm gol-hanut, [hemm] il-wires dehlin ghal gox-xaft jigifieri minn gol-hanut ghal goxxagt tas-Sinjur".*** [44]

Tonna jiddeskrivi kif il-*wires* li kienu joħroġu mill-arloġġ li kien installat fis-salon ta' Cesare kienu qed iservu l-fond ta' Vassallo *"****Kienu fil-propjeta` tas-Sur Francis Vassallo u jien skonnetjajthom, jien sibthom mixghulin****, qabbadt bozza biex nara d-dawl huwa vera li qed jixghel,* ***tfejt l-arloġġ, intfiet il-bozza*** *imma jien bhala Inġinier hassejt li dak il-hin stess ridt niddiskonnetjahom biex ma nhallix periklu għax dawn kienu mqabbdin bit-tape biss. U skonnetjajthom mill-kaxxa tad-distribuzzjoni tad-dawl tal-ħanut. Hekk kif konna hergin mill-garaxx, kien hemm is-Surgent 1042 u gibidli l-attenzjoni li* ***fuq l-ixkaffa tal-garaxx, kien hemm tape tal-istess kulur blue li l-wires kienu ittejpjati*** *u hekk kif rajt dak it-tape jiena gbartu, ghalaqtu f'borza, qiegħed hawnekk ukoll, nista nipprezentah"*. Dwar it-tape ikompli *"hawnhekk ghandi it-tape u z-zewg bicciet mit-tape*[45] *li sibt imqabbdin mal-wire ukoll dakinhar, li kif jidhru huma* ***tal-istess ghamla u tal-istess żmien*** *qisu bejn wieħed u*

[43] Fol.140-141
[44] Fol.142
[45] **Dok.KA 49/2021** a fol.155

*iehor"* [46] Dan jirrizulta wkoll mir-ritratti esibiti fir-relazzjoni li ġiet preżentata mill-espert Inġinier Tonna.[47]

Riprodott in kontro-eżami, l-Inġinier Tonna, ikkonferma li dakinhar tal-aċċess kien Vassallo li stiednu jidħol għandu;[48]stedina li ftit xi xejn għandha valur tenut kont li l-aċċess fil-fond ta' Vassallo ġie ordnat mill-Qorti fl-istess jum sigħat qabel. Iktar u iktar ftit li xejn għandha rilevanza din l-istedina għaliex l-aċċess sar xejn anqas minn ħames xhur wara li Cesare kien ikkonfrontaħ bis-suspetti minn tiegħu, fejn altru kellu żmien biżżejjed jgħatti xturu. Dak li ma setghax jaħbi kien il-*wire* li bilfors tħalla b'kurrent għaddej minnu għaliex ma setghax jaqla' l-*connection* li kienet tinsab fil-ħanut fejn aċċess ghaliħ ma kellux!

Il-Qorti temmen li għalkemm seta' verament kien l-imputat li stieden lil Tonna jidħol għandu, dan sempliċiment ippreveda dak li kien ser jiġi ordnat jagħmel mill-imsemmi espert fuq struzzjonijiet ta' din il-Qorti biex jidher li m'għandux faħam miblul. Iżda id-dnub ma jorqodx u fuq domanda tad-difiża (li tkompli turi kif kollox ġie orkestrat f'tentattiv biex jipprova li dak allegat ma kienx minnu, issa ħames xhur wara li sar ir-rapport kontrih), isir magħruf li **l-parti tal-ħajt in kwistjoni kienet imkaħħla b'tikħil ma kienx tikħil antik**, kif ipprova jimplika l-imputat bid-domanda tal-abbli difensur tiegħu!

Sensiela ta' domandi oħra intiżi biex juru l-perikolozita` li wieħed jazzarda jittajpja *wires* li minnhom għaddej kurrent – xi haġa li ċertament għamel l-imputat wara li Cesare intebħu bis-serq ta' dawl - *backfires* fejn jiġi dikjarat li persuna setgħet tagħmel dan dejjem jekk taħdem b'attenzjoni:

| | |
|---|---|
| *"Avukat:* | *Inkun korett jekk, jekk infakkrek li kien il-klijent tiegħi proprja li qallek biex tidħol għandu fil-garaxx tiegħu biex tiċċekkja* |
| *John Tonna:* | *Iva.* |
| *Avukat:* | *hemmhekk?* |
| *John Tonna:* | *Iva.* |
| *Avukat:* | *Sewwa. Issa nkun korrett ukoll jekk ngħid illi inti kellek bżonn tkisser biċċa mill-ħajt?* |
| *John Tonna:* | *Iva. Jiena għedtlu, għedtlu li għandi bżonn inkisser mill-ħajt....u jiena kont saqsejtu..... jekk il-garaxx kienx tiegħu fejn jinfed hemmhekk.* |
| *Avukat:* | *Sewwa. Issa meta mort biex tkisser din il-biċċa tal-ħajt sewwa? Dik il-patch kienet friska?* |
| *John Tonna:* | *Dak il-ħin ma kinitx friska le imma* ***kienet tidher li ma kinitx ila hemmhekk.*** |

[46] Fol 143
[47] **Dok.JT** a fol.149 et seq.
[48] Fol.229

| | |
|---|---|
| *Avukat:* | *Imma friska ma kinitx. Inkun korrett?* |
| *John Tonna:* | ***Mhux less than twenty four hours le. .......*** |
| *Avukat:* | *Friska ma kinitx. Sewwa. Issa, Inġinier inti għedt ukoll li meta ġejt biex tittestja dak il-wajer li sibt ġol-ħajt sewwa? Inti kellek titfi l-mains. ..... dawn il-mains fejn kienu? Fl-istess garaxx?* |
| *John Tonna:* | *Kienu ġol-ħanut. ... t-trufijiet tal-wajers li kienu ġol-garaxx tas-Sinjur. Il-main switch kien ġol-ħanut. ....* |
| *Avukat:* | *Sewwa imma biex tiċċekkja kellek titfi l-main switch jew le?* |
| *John Tonna:* | *Jien għamilt hekk. X'ħin ftaħt kienu mixgħulin* |
| *Avukat:* | *X'ħin kissirt il-ħajt?* |
| *John Tonna:* | *X'ħin, ftaħt il-wajer għax il-wajer kienu ttejpjati. .... x'ħin ftaħt il-wajer biex inkun safe jiena...tfejt il-main...imma qabel ma tfejt il-main bit-tester, rajt li kienu mixgħulin imbagħad tfejt il-main.* |
| *Avukat:* | *Kien għaddej il-kurrent?* |
| *John Tonna:* | *L-ewwel **kien għaddej il-kurrent** x'ħin ftaħthom jiena.* |
| *Avukat:* | *Sewwa. Issa mill-expertees tiegħek ta' Inġinier, jekk għandek żewġ wajers li huma live kif qed tgħid inti sewwa? It is safe li tista' tikkonnetjhom ma' xi ħaġa jew le?* |
| *John Tonna:* | *Ismagħni, **jekk ikollok appropriate tools u anka toqgħod daqsxejn attent jien nagħmilha, wieħed jagħmilha. L-importanti li ma jmissux ma' xulxin**. ....Jiena, aħna nagħmluha jiġifieri għax inti l-wajer għandu l-plastik. Hu ma kellux ir-ramm. Jiena kelli l-ponta tar-ramm jiġifieri kemm tittejpja biss". [49]* |

*Ix-Xiehda tal-Imputat*

**Francis Vassallo** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda w irrakkonta kif ir-relazzjoni mal-koppja Cesare bdiet fl-2005 meta ġie rikjest minnhom biex jikrilhom ħanut li kellu jintuża bħala *fishmonger*. Kien intlaħaq qbil li Vassallo kellu jbajjad u jkaħħal il-ħanut, jagħmel il-madum kif ukoll **jgħaddi d-dawl,** l-ilma u d-*drains*. Ftit taż-żmien wara il-ħanut inbiddel għal ħanut tal-logħob w aktar il-quddiem, wara li talbu l-awtorizazzjoni tiegħu, dan infetaħ bħala *hair salon*.[50] Isostni li fil-jum tal-aċċess ordnat mill-qorti, l-espert tal-Qorti ma kienx ser jidħol għandu kieku ma kienx hu li stiednu jara il-garaxx tiegħu wkoll.[51] Il-Qorti tirrileva li wara li ġie spezzjonat il-ħanut ta' Cesare, l-esperti kienu ġa sabu li l-*wire* mqabbad mad-*distribution box* fil-ħanut kien jasal għal ġox-*shaft* tal-imputat li għalih l-koppja Cesare ma kellhiex aċċess. Għalhekk l-"istedina"

[49] Fol.229-232
[50] Fol.234-235
[51] Fol.235

tiegħu serviet biex l-esperti jikkonfermaw li l-wire kellu kurrent għaddej minnu. Dan ikkonstataw wara li tqabbdet bozza fix-*shaft* li xegħlet u ntfiet meta inxtgħel u ntefa' l-main tal-ħanut ta' Cesare!

Fl-istess xiehda Vassallo jipprova – bla suċċess jagħti l-impressjoni li ġewwa daru ma kienx hemm tikħil frisk. Iżda l-għajn addestrata tal-Inġinier Tonna osservat li għalkemm kien minnu li t-tikħil ma kienx sar il-jum ta' qabel, però lanqas ma kien xi tikħil li għada z-żmien minn fuqu!!

Jitfakkar biss li mill-jum li Vassallo ġie kkonfrontat minn Cesare f'April, 2020 (w ftit wara Cesare bdew jisimgħu xogħlijiet fir-residenza tiegħu) u meta l-Qorti fl-ewwel seduta ordnat l-aċċess, kienu għaddew 5 xhur! Altru żmien biżżejjed biex jipprova jaħbi t-traċċi tar-reat tiegħu billi jkaħħal fit-tentattiv li jaħbi l-azzjonijiet rimedjali li pprova jieħu fiċ-ċirkostanzi!

L-imputat isostni li l-ħajt tan-naħa tiegħu kien *"Miżbuħ, imkaħħal, ma kien hemm xejn....Normali, ma kien hemm xejn"*. Taħt is-sorveljanza ta Tonna tkisser il-ħajt mill-*electrician* li kien preżenti ghall-aċċess ***"wara li tkisser il-ħajt instab il-pajp. Issa, xħin instab il-pajp, l-inġinier ordna biex jintefa' d-dawl mis-salon, ħareġ il-wire, fetħu, reġa' ordna biex jinxtegħel id-dawl, iċċekkja, u reġa' ordna biex jintefa d-dawl."*** Tonna għamel dan ix-xogħol *"Fis-shaft. Fis-shaft li huwa konness mal-garaxx".*[52]

Kien ikun ħafna aħjar ghall-imputat kieku ma xehedx għaliex bix-xiehda tiegħu jissiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni. Hu ovvju li ġaladarba inkixef għemilu f'April, 2020, sa l-aħħar ta' Settembru 2020 kellu żmien biżżejjed jgħatti xturu. Dak li ma setax jagħmel kien li jaċċedi w ineħħi kompletament dak il-*wire* għaliex aċċess ghall-ħanut ma kellux! Waqaf billi skonnettja l-*wires* u dawwarhom b'*electric tape***.** *Tape* li skond il-Perit Valerio *"sibna tape blu pariġġu...... Ma nafx jekk mhux l-istess romblu... Rajna romblu u l-kulur huwa l-istess bħat-tape li kien hemm.... Li kien hemm imdawwar mal-wires".*[53]

L-imputat isostni li s-sors tal-elettriku tiegħu hu ġenerat minn *solar heater* li ġiet installata fl-2010 w minn *energy panels* li kienu gew installati fl-2012.[54] Vassallo esebixxa kontijiet tad-dawl li juru li l-ammont kien ikun ta' żero. Iżid li fid-dar jgħixu tnejn minn nies u li fis-sajf imur villeġġjatura.[55] Iżda ma jagħti l-ebda dettalji ulterjuri dwar fejn kienet tinsab din il-villeġġjatura. Lanqas ma pprovda kontijiet tad-dawl li jappartjenu lil din il-villeġġjatura.

---

[52] Fol.235-236
[53] Fol.122-123
[54] Fol.236
[55] Fol.238

Għalhekk dak li jgħid jibqa' ghal kollox mingħajr id-debita korroborazzjoni.

Mhux talli hekk, talli jipprova jqarraq billi jagħti l-impressjoni li l-pannelli kellhom jeħlu ferm qabel ma ġie skopert l-għemil tiegħu. Filfatt jixhed li l-pannelli gew *replaced* minn oħrajn li twaħħlu f'Settembru, 2019, minflok f'April, 2019, minħabba l-Covid.[56] Tajjeb jingħad li l-Covid faqgħet fi Marzu, 2020, mhux fl-2019 u għalhekk dawn il-pannelli għamilhom wara li ġie skopert l-għemil tiegħu minn Cesare.

Vassallo jsostni li l-ħanut li ġie mikri qabel kien iservi ta' garaxx fejn kien iżomm il-fniek u kien għamel *extractor* biex l-irwejjaħ jitilgħu ghal fuq il-bejt peress li jgħix fuq il-garaxx. B'hekk isostni li il-*wire* baqa' ppreservat ġo *pipe* tal-*conduit* li tenut kont li magħmul minn plastic ma kienx tmermer u l-*wire* baqa' ppreservat.

Hawn ukoll jieħu gambetta l-imputat għaliex, filwaqt li jinsa li għadu kemm xehed li kien hu li **nstalla** s-sistema tad-dawl u l-ilma, u cioe` meta ma kienx għad hemm dawl fil-garaxx li ġie mikri bħala ħanut, effettivament qed jiddikjara li kien jaf bil-*wire* b'kurrent għaddej minnu mill-ħanut għal go x-*shaft* u mhux talli ma semma xejn, iżda ġaladarba neħħa l-fniek minn go l-istess garaxx, ma jispjegax għaliex kellu jinżamm dan il-*wire*??

Hu bil-wisq ovvju li l-**imputat hu inveritjier.** Baqgħet ma nġiebet lanqas farka ta' prova biex jissostanzja it-teżi difensjonali tiegħu.

L-imputat ikompli jimmanifesta kif l-pulizija rnexxielhom jeliminaw kull possibilità li l-imputat jinqabad *in flagrante delicto* meta jgħid li kien biss fit-23 t'April, 2020, li ġie nfurmat bl-allegazzjoni magħmulha mill-koppja Cesare. Ma jirriżultax iżda li magħmulha din l-allegazzjoni fil-konfront tiegħu, *a tempo vergine* stieden lill-pulizija biex taċċedi il-fond tiegħu w tagħmel il-verifiki w l-investigazzjonijiet tagħha. Din tistenna ma dak li seħħ ħames xhur wara meta fl-aċċess ordnat mill-Qorti skond hu stieden lil Inġinier jidħol għandu!

Hi sfortuna kif **l-għemil tal-pulizija serva biex Vassallo jiġi *tipped off* u** jingħata z-żmien kollu li kellu bżonn biex jaħbi tracci tal-għemil kriminuż tiegħu: *"jiena sat-tlieta u għoxrin (23) ta' April two thousand twenty (2020) jiena assolutament ma kont naf xejn b'din l-istorja. Irċevejt, sibt karta fil-letter box mill-għassa taż-Żejtun fejn ġejt infurmat biex l-għada, jiġifieri, jiena irċevejtha fit-tnejn u għoxrin (22) biex l-għada, fit-tlieta u għoxrin (23), immur l-għassa għax is-surġent irid ikellimni. Mort l-għassa u s-surġent qalli, "Hawnhekk għandek rapport illi inti kont*

[56] Fol.236

*qed tieħu d-dawl mis-salon." U qalli milli ewwel, "jekk għandek avukat qabel il-mistoqsijiet, ġib l-avukat." Ovvja, jien ċemplit lis-Sur Avukat u tkellem l-avukat. Mela jien sat-tlieta u għoxrin (23) ta' April two thousand twenty (2020) assolutament ma naf b'xejn b'din l-istorja; jiena mort l-għassa taż-Żejtun ma nafx għal xhiex għax jiena fuq il-karta kelli li rrid immur l-għassa għax irid ikellmek is-surġent, fit-tmienja ta' filgħaxija (8.00 p.m.). Imbagħad hemmhekk sirt naf għalxiex lili ħaduni għall-mistoqsijiet fl-għassa taż-Żejtun".*[57]

In kontro-eżami Vassallo jgħid li kien jaħli bejn 6-10 *units* kuljum. Ikkonferma li kien jaf bl-eżistenza tal-*wire* li kien għaddej minn ġol-ħanut għax-*shaft* tiegħu w kien konxju li minn dan il-*wire* kien għaddej il-kurrent ***"Iva kont naf"***.[58] Jiċħad li t-tape li nstab fil-garaxx tiegħu kien l-istess tape li ntuża fuq il-*wires* u jgħid biss li *"kien jixbah l-istess materjal"*[59]*!*

L-imputazzjoni dwar Serq ta' Kurrent Elettriku:

Fl-ewwel lok ser tingħata kronoloġija ta' dak li seħħ mill-mument li Cesare għalqet il-ħanut tax-xagħar sakemm bdew dawn il-proċeduri -

- **9 ta' Marzu, 2020**: Louisa għalqet ħanut.[60] Qabel ma kienet għalqet il-ħanut, Cesare tfiet kollox u qalgħet il-plakkek kollha.
- **28 ta' Marzu 2020:** Louisa, marret il-ħanut u sabet li l-arloġġ tad-dawl kien qiegħed jimmarka l-qari 62128.07.
- **6 t'April, 2020:** Rat li r-*reading* tal-*meter* kien inbiddel u żdiedu l-*units*.
- **10 ta' April, 2020 (am):** Sabet li fuq il-*meter* baqgħu jiġu reġistrati *units* oħra.
- **10 ta' April, 2020 (pm):** Cesare għat-tielet darba reġgħet marret il-ħanut meta kien filgħaxija w sabet li l-*units* fuq l-arloġġ kienu reġgħu żdiedu. Kien hawn li Cesare kkonfermat li l-*units* fuq l-arloġġ kienu żdiedu minn 62128.07 ghal 62230.05: f'erbat ijiem inħlew 102.43 *units*, il-fuq minn 25 *unit* kuljum
- **13 t'April, 2020 (am):** Cesare tagħmel rapport l-għassa.
- **13 t' April 2020 (pm):** Filgħaxija reġgħet żaret il-ħanut, innutat żieda fil-*units* reġistrati fuq l-arloġġ tad-dawl.
- **14 ta' April, 2020:** Deguara, l-*electrician* għamel *inspection*. Sab il-*meter* jaħdem sew u **tefa' l-main tad-dawl** u minn dak il-hin l-*meter* waqaf

[57] Fol.238-239
[58] Fol.241
[59] Fol.242
[60] Fol.7

jirreġistra kurrent elettriku w beda jagħti ***'0' reading***: *"L-ewwel darba mort fuq il-post, tfejt il-main tal-klijenti, l-arloġġ rajtu ma jteptipx u daqshekk u tlaqt...... Mort biex nitfi l-main ħa nara hemmx xi problema bil-meter tal-Gvern u ovvjament x'hin tfejt il-main il-figuri ma baqgħux telgħin..... It-teptipa waqfet ehe".* [61]

- **16 t'April, 2020**: Deguara u Cesare bdew jippruvaw jaraw minn fejn Cesare kien qed jiġi misruq id-dawl tiegħu biex imbagħad, kif identifikaw il-post fix-*shaft*, kissru trinka: *"Bdejna inkissru mill-biċċa tax-xaft u bqajna insegwu l-wire sa fejn* ***sibna l-pipe u waqafna. [il-wire] kien jagħti għal ġo pipe u kien sejjer fix-xaft tas-sinjur****".*[62] Deguara ra *tear wall socket* u fetaha. Hemm sab *"tlett wires jidhlu ġol-conduit u jiehdu r-rotta lejn is-shaft li jien ma ghandix aċċess ghalih"*[63]. Iddikjara bil-miktub ***"Part of one of the electrical circuits, enclosed in electrical conduit is running to a shaft which Mr Ceaser [recte: Cesare] has no aċċess to."***[64] Jikkonferma li l-*wires* li rahom ħierġin mill-*conduit* kienu "G*haddejjin minn go plakka jidhlu ġol-conduits u* ***jigbdu d-direzzjoni tax-shaft***[65]*"*.
- Deguara jara b'għajnejh il-*meter* jirreġistra konsum meta l-ħanut ma kienx qed jopera.
- **18 t'April 2020**: Cesare terġa tmur l-Għassa bir-rapport ta' Deguara, ritratti tal-*meter* b'readings li kienu qed jiżdiedu minn darba ghal oħra w il-kuntratt tal-kirja li juri li Vassallo ghada d-dawl fil-ħanut.
- **Bejn 18 t'April 2020 – 1 ta' Mejju, 2020:** John Paul Cesare jikkonfronta lil Vassallo. Daħal għandu u sab kollox imkaħħal, iżda ftit wara mid-dar tal-imputat nstema *"storbju, tqattieh, irranġar sewwa u bdiet tgħidli x'inhu jirranġa[?]"*[66]
- **21 t'April, 2020:** Tħalliet *letter to call* lil Vassallo[67]
- **22 t'April, 2020:** Ċempel l-Għassa dwar il-*Letter to Call*
- **23 t'April, 2020:** mar l-Għassa u ġie informat fuq l-allegazzjonijiet
- **1 ta' Mejju, 2020:** Vassallo jiġi interrogat
- **6 t'Awissu, 2020:** Tinħareġ l-imputazzjoni kontra Vassallo
- **28 ta' Settembru, 2020:** L-ewwel seduta w aċċess fil-fond tal-imputat u fil-ħanut tal-parte civile.

---

[61] Fol.83-84
[62] Fol.101
[63] Ibid
[64] Fol.19
[65] Fol 85
[66] Per John Paul Cesare a fol.103:
[67] Fol.8

Provi Saljenti

(i) L-installazzjoni tad-dawl u ilma **saret mill-imputat** u għal dan ix-xogħol l-inkwilini Cesare ħallsuh LM2,300[68] kif jixhed il-kuntratt ta' lokazzjoni datat it-30 ta' Mejju, 2005,[69] esibit minn Louisa Cesare.[70]

(ii) Vassallo stess jixhed li hu kellu jgħaddi d-dawl, l-ilma u d-*drains.*[71] Dan juri li kien hu li għadda d-dawl; dawl li qabel ma kienx hemm. Fil-fatt il-kuntratt jipprovdi li *"is-sid qed jintrabat li sal – ġurnata tal-bidu tal-kirja huwa ikun għamel dan li gej: l-**installazzjoni** tal-ilma u l-elettriku (eskluz l-ispejjez tak-meters)….il-madum tal-art u tibjid"*.

Issa hu magħruf li xogħol ta' madum u tibjid isir wara li jkunu għaddew is-servizzi. Fl-istess hin għandu jiġi emfasizzat li l-kelma ***installazzjoni,*** mingħajr kwalifika ulterjuri, turi b'ċertezza li meta gew biex jikruh la kien hemm dawl u lanqas ilma. Fil-fatt il-kuntratt innifsu jipprovdi li l-*meter*s kellhom jitħallsu minn Cesare, prova li lanqas *meter*s ma kien hemm!

(iii) **Valerio Schembri** xehed: *"hemm connection mid-distribution box tal-hair salon, iddur spjegajt fuq il-pjanta kif għaddej il-fil kif spjegali l-engineer, u tibqa ħierġa għal ġox-xaft u tgħaddi minfuq rewwieħa li hemm li tagħti għal ġo kamra li hemm tas-salon. Issa **ix-xaft huwa aċċessibbli mill-garaxx tal imputat**. Issa meta l-engineer neħħa l-fil ta' fejn qiegħed it-tikħil **sibna tlett wires ittapjati bil-blu u sibna tape blu pariġġu**...... Ma nafx jekk mhux l-istess romblu... Rajna romblu u l-kulur huwa l-istess bħat-tape li kien hemm.... Li kien hemm imdawwar mal-wires*[72] …..[kien hemm] ***konnessjoni mad-distribution tal-fond propjetà ta jew amministrata mill-kwerelanti li fil-jum tal-aċċess ma kienx qed isir użu minnha."***[73]

(iv) L-inġinier Tonna sab li l-arloġġ u l-installazzjoni tad-dawl kienu qed jaħdmu tajjeb. [74] Għalhekk ma hemm ebda kwistjoni li s-sistema jew l-arloġġ ma kienux qed jaħdmu kif suppost.

(v) Ix-xiehda ta' Tonna tissiġilla l-każ kontra l-imputat: ***"Tlabtu li ridt inkisser biex nara l-wires li kont rajt minn naha l-oħra tal-ħanut minn gox-xaft u sibt li l-wires, dawk li kont qed infittex jiena li kienu mqabbdin, kienu dehlin ghal***

---

[68] Fol.52
[69] **Dok.LC** a fol.50-55
[70] Fol.39-43
[71] Fol.234
[72] Fol.122-123
[73] Fol.133
[74] Fol.140-141

***gox-xaft sibt it-trufijiet taghhom*** *kif hemm fir-ritratt. Ftahtu u sibt tlett wires ittejpjati bid-dawl, bit-tape. U x'hin nehhejt it-tape sibt* ***li kienu bil-kurrent dawn, jigifieri kienu ghadhom bil-kurrent fuqhom****. Naturalment jien xeghelt bozza biex inkun cert mija fil-mija u urejtilhom tixghel il-bozza u tlabthom jitfu il-main switch li ghandha fil-ħanut biex zgur inkunu certi li......****imqabbdin mal-arloġġ tas-Sinjura li hemm gol-hanut, [hemm] il-wires dehlin ghal gox-xaft jigifieri minn gol-hanut ghal gox-xaft tas-Sinjur***[75] ***....... Kienu fil-propjeta` tas-Sur Francis Vassallo u jien skonnetjajthom, jien sibthom mixghulin, qabbadt bozza biex nara d-dawl huwa vera li qed jixghel, tfejt l-arloġġ, intfiet il-bozza*** *imma jien bhala Inġinier hassejt li dak il-hin stess ridt niddiskonnetjahom biex ma nhallix periklu għax dawn kienu mqabbdin bit-tape biss.* ***U skonnetjajthom mill-kaxxa tad-distribuzzjoni tad-dawl tal-ħanut.*** ***H****ekk kif konna hergin mill-garaxx, kien hemm is-Surgent 1042 u gibidli l-attenzjoni li* ***fuq l-ixkaffa tal-garaxx, kien hemm tape tal-istess kulur blue li l-wires kienu ittejpjati u hekk kif rajt dak it-tape jiena gbartu, ghalaqtu f'borza, ....hawnhekk ghandi it-tape u z-zewg bicciet mit-tape*** [76] ***li sibt imqabbdin mal-wire ukoll dakinhar, li kif jidhru huma tal-istess ghamla u tal-istess żmien qisu bejn wieħed u iehor"***.[77]

(vi) Ikompli: *"It-tape*[78] *li sibt imqabbdin mal-wire ukoll dakinhar, li kif jidhru huma* ***tal-istess ghamla u tal-istess żmien*** *qisu bejn wieħed u iehor"* [79]

(vii) Il-*wires* kellhom kurrent għaddej minnhom**:** *"tant hu hekk li x'hin ftahthom iccekkjajtu bit-tester sibtu qed jixghel, mort gol-hanut nitfih, kien mitfi dan il-hin biex inqabbad il-bozza naturalment...qabbadthom dak il-hin, qabbadthom jiena, kelli l-electrician mieghi, x'hin qabbadna l-bozza mort gol-hanut nerga nixghel, xeghlet il-bozza, rajtha tixghel, mort nitfi, rajtha mitfija u mbaghad skonnettjajt"*[80].

(viii) Skond ma rriżulta lil Tonna **l-*switch* sabiex jintefa l-kurrent li jwassal sas-*shaft* kien fid-*distribution/main box* li tinstab fil-ħanut mikri lis-Sinjuri Cesare.** Ir-ritratti li jinsabu fir-rapport tal-Inġinier Tonna jimmanifestaw kif kien għaddej id-dawl li kien jissupplixxi ix-xaft tal-imputat!

Magħdud ma dan ma jistax jintesa li anke skond il-kuntratt, para.(6) **l-imputat kien dak li għadda d-dawl meta l-ħanut ġie biex jinkera lil Cesare!** [81]

[75] Fol.142
[76] **Dok.KA 49/2021** a fol.155
[77] Fol.143
[78] **Dok.KA 49/2021** a fol.155
[79] Fol.143
[80] Per Tonna a fol. 146
[81] Vide kuntratt a fol.109

(ix) Meta tkisser il-ħajt tan-naħa tal-imputat, Tonna innota li dik il-parti tal-ħajt għalkemm ma kienitx friska u cioe` *"**kienet tidher li ma kienitx ilha hemmhekk**"*.[82]

Jitfakkar dak li xehed John Cesare li wara li qal lill-imputat bis-suspetti tiegħu semgħu *"storbju, tqattieh, irranġar sewwa u bdiet tgħidli x'inhu jirranġa[?]"*[83]

(x) Il-*wire,* b'kurrent għaddej minnu, li kien mqabbad mad-*distribution box* tal-ħanut, kien iwassal għax-*shaft* tal-garaxx ta' Vassallo.

(xi) Kien **biss l-imputat Francis Vassallo li kellu aċċess ghal garaxx. Ma jirriżultax li kien taha l-pussess tiegħu lil xi terz!**

(xii) Il-ħanut ingħalaq minn Cesare fid-9 ta' Marzu, 2020.

F'każ ta' ħanut tax-xagħar, u kuntrarjament ghal dak li wieħed isib f'post residenzjali fejn jista' jkun jitħallew *appliances* jaħdmu, fil-każ ta' ħanut tax-xagħar ser jintużaw *appliances* biss <u>kemm il-darba qed jopera l-hanut</u>. Tenut kont taċ-ċirkostanzi relatati mal-imxija tal-COVID-19, fejn wieħed ma setax ikun jaf ghal kemm żmien kienu ser jibqaw magħluqin, il-verżjoni ta' Louisa li qalgħet il-plakkek kollha w tfiet kollox għandha mis-sewwa w hi tassew verosimili.

(xiii) Bejn żjara w oħra fi żmien li l-ħanut kien magħluq Louisa Cesare osservat li l-*meter* baqa' jirreġistra konsum.

(xiv) Kemm Cesare kif ukoll Joseph Deguara jikkonfermaw li <u>waqt li l-ħanut ma kienx qed jintuża osservaw il-*meter* iteptep</u>.

(xv) Id-dawl kollu tal-ħanut kien mitfi w anke inqalgħu il-plakkek iżda <u>xorta kien qed jiġi reġistrat konsum</u> fuq il-*meter* tal-ħanut.

(xvi) Għalhekk jirrizulta li fi żmien meta l-ħanut ma kienx qed jopera, meta l-apparat kollu kien mitfi, il-*meter* deher iteptep u jirreġistra konsum li kien qed jiżdied minn ġurnata għall-oħra u anke bejn filgħodu u filgħaxija. Imkien ma jirrizulta li l-arloġġ tad-dawl kellu xi ħsarat, anzi ġie kkonfermat li kien qed jaħdem sew.

---

[82] Fol.230
[83] Per John Paul Cesare a fol.103:

(xvii) Is-suspetti ta' Cesare gew ikkonfermati mill-esperti tal-Qorti, li bir-rapport tagħhom jikkoroboraw il-verżjoni tal-koppja Cesare kif ukoll tal-*electrician* Deguara.

(xviii) Għalkemm Deguara ma kienx xi perit tal-Qorti, madanakollu ix-xiehda tiegħu għandha valur probatorju peress li Deguara hu <u>xhud okulari</u>. Hu jistqarr b'ċertezza li fi żmien meta l-ħanut kien magħluq ra il-*meter* jirreġistra d-dawl. Mhux hekk biss iżda kien hu li sab *wire* ħiereġ mill-*meter* ta' Cesare u sejjer lejn ix-*shaft* li kellu **pussess esklussiv** tiegħu l-imputat.

(xix) L-istess esperti tal-qorti sabu l-*wires* eżatt kif indikat mill-*electrician* Deguara.

(xx) Dak li jixhed l-imputat, għajr ghall-kontijiet tiegħu li kienu jiġu '0' jibqa' mhux kkorroborat:

(a) Ma ġabx prova waħda li qabel l-2005 kien irabbi xi annimal f'dak il-garaxx;
(b) Li kien weħħel *extractor*;
(c) Li jagħmel numru ta' xhur jgħix f'villeġġjatura;
(d) Il-kontijiet tad-dar li juża bħala villeġġjatura baqgħu ma nġabux.

(xxi) Ma joffri ebda spjegazzjoni plawsibbli għaliex ġaladarba kien qed jagħti l-ħanut b'kiri, fejn hu stess inkariga ruħu mill-installazzjoni tad-dawl u l-ilma, <u>kellu għalfejn iħalli *wires* b'kurrent għaddej għax-*shaft* tiegħu</u>;

(xxii) Lanqas ma jipprova jispjega għaliex kellu għalfejn jaħbi dan il-fatt mill-koppja Cesare jekk mhux biex ikompli jiggwadanja minn fuqhom. Li tħalli *wires* b'kurrent għaddej minnhom go *shaft* jaf ikun periklu fih innifsu w għalhekk, anke jekk il-koppja Cesare ma kellhomx aċċess għalih għaliex qatt ma bassru li kien jeżisti dan il-wire, xorta kellhom ikunu jafu kif kienet ġiet mgħoddija is-sistema tad-dawl li nstallalhom Vassallo. Wara kollox ħallsuh LM2300 ta' xogħolu!

(xxiii) Finalment ma jridx jintesa li t**-*tape* li l-*wires* nstabu marbutin fiħ li nstabu fil-ħajt tax-*shaft* tal-garaxx ta' Vassallo, kien tal-istess kulur u għamla ta' *roll electric tape* li nstab fuq *raft* fil-garaxx.**

Jiskontra diffikultà kbira Vassallo meta jinsisti li kien b'kumbinazzjoni li l-l-*electric tape* użat fuq il-*wires* li nstabu għandu kien jixbaħ it-tape li nstab għandu. Għandu mill-inkredibbli li wire midfun f'*conduit* ghal kważi għoxrin sena jibqa' fl-istat oriġinali ta' roll *electric tape* li nzerta fl-istess akkwati ta' fejn instabu l-*wires*!!

Kemm aktar għandu mis-sewwa li dan it-*tape* intuża f'April, fl-istess żmien li fih Vassallo beda jipprova jeqred provi li setgħu jikxfulu għemilu! L-Inġinier Tonna hu kategoriku *"It-tape[84] li sibt imqabbdin mal-wire ukoll dakinhar, li kif jidhru huma **tal-istess għamla u <u>tal-istess żmien</u>** qisu bejn wieħed u iehor"* [85]

## <u>Ġurisprudenza</u>

Issa li gew ikkunsidrati l-provi w senjatament dawk indizzjarja, imiss li ssir riferenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-forza probatorja ta' dawn it-tip ta' provi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina** ġie deċiż:[86]

> Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja",** tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.
>
> Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.
>
> Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-
>
> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **"Miller v. Minister of Pensions"** [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of*

---

[84] **Dok.KA 49/2021** a fol.155

[85] Fol 143

[86] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuża Numru 10/1994

*justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Lela Ristic,**[87] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif aħjar magħrufa *'circumstantial evidence'*:

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et***[88] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li **huma univoci**.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li **provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.**

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

---

[87] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deċiża 16 ta' Diċembru, 2015

[88] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 19.05.2014; ***Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.***

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....

........

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;

(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[89] Lord Simon in **DPP v Kilbourne**[90] stated the following : -

[89] 2013, F1.18 to F1.27
[90] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.

> The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[91]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[92] a presumption of fact :-

> "tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." …..
> [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[93]

> Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*
>
> U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [***Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda*** *App Krim – 24/04/2002]."*
>
> Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** [94] iddeċidiet:

---

[91] Ara wkoll **Exall (1866)** 4 F&F 922 at 929 per **Pollock CB**.
[92] Qorti tal-Appell Kriminali; Deċiża 11 ta' Lulju, 2002.
[93] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deċiża 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016
[94] Per Onor Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deċiża 5 ta' Lulju, 2002.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][95]

Fid-dawl tal-ġurisprudenza enunċjata, mir-riżultanzi processwali hemm abbundanza ta' provi indizzjarji li huma univoċi tant li jwasslu lil din il-Qorti għal dik iċ-ċertezza morali li l-imputat, u l-imputat biss, kien risponsabbli għas-serq ta' kurrent elettriku kif addebitat lilu.

Carrara jagħti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "*Contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.*"[96] Il-Professur Mamo jelenka ir-rekwiżiti legali ta' dan ir-reat:

An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Galea et** ġie kkunsidrat:[97]

Ghalhekk jirrikorru ndubbjament l-erba elementi l-ohra tar-reat ta' serq u cioe' dawk tal-"Contrectatio dolosa della cosa altrui , fatta invito domino" li jifformaw parti mid-definizzjoni klassika tal-CARRARA [Programma , Parte Speciale , Vol. IV, para.2017] u li giet addottata kostantement mill-Qrati taghna [ara 'Pulizija vs. Mario Tanti et.' App. Krim. 9.12.1944 , 'Pulizija vs. Carmelo Felice ', App. Krim. 10.1.1942 u ohrajn] . Li qed jigi ikkontestat mill-appellanti hu proprju il-hames element u cioe' dak li l-Carrara jidentifika bhala "l'animo di farne lucro" , jew l-"animus furandi" .

---

[95] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deċiża 15 ta' Mejju, 1990:**
L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwillità ghall-aħħar jaslu ghall-konklużjoni la ma jemmnu dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizzji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċi.

[96] Vide Criminal Appeal: The Police vs Mario Tanti 09.12.1944

[97] Per Onor. Imħallef Dr. J. Galea Debono; Deċiża 30 ta' Jannar 2003

Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035 :-

"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u
"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."

u l-CRIVELLARI jghid :-

"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-

"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."

u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II , Titolo X , para. 1843 jghid :-

"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."

u aktar ' isfel :-

""...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."

Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]

Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]

"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases"

Il-provi jimmanifestaw li l-intenzjoni tal-imputat meta permezz tal-connection illegali li ffabrika, beda karriera ta' serq ta' dawl li kienu qed iħallsu għalih il-koppja Cesare (*contrectatio*), għamel dan b' għan waħdieni u cioe` dak li jagħmel qliegħ minn fuqhom (*animo lucrandi*).

Finalment ma jridx jintesa dak li jipprovdi l-artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> (2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew **fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma**, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, **bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksurjew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu** jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.

Ġie pruvat li l-fix-*shaft* tal-garaxx li jappartjeni lill-imputat, kienet tinstab il-*connection* mqabbda bil-moħbi mal-main switch tal-ħanut mikri lil Cesare. Din il-*connection* tikkostitwixxi il-mezzi qarrieqa li tikkontempla din id-dispożizzjoni u li ppermettiet sabiex Vassallo jkollu l-użu w l-konsum illeġittimu ta' dawl li kienu qed iħallsu għalih il-koppja Cesare.

Mill-provi miġjuba mill-imputat dan ma rnexxielux jaqleb din il- *praesumptio juris tantum.* Għaldaqstant ġie pruvat sal-grad mistenni illi Vassallo bħala d-detentur tal-garaxx u tax-*shaft* formanti minnu, kif ukoll bħala dik il-persuna li għandha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawn il-mezzi qarrieqa, altru li kienet konsapevoli tal-konsum illeċitu minnu ta' elettriku li kien qed jiġi reġistrat fuq il-*meter* ta' ħanut li tiegħu hu baqa' s-sid.

*Il-Valur ta' Kurrent Misruq*

**Reuben Bonnici** in rappreżentanza tas-Soċjetà ARMS Ltd., ippreżenta kont finali intestat f'isem John Paul Cesare, datat 23 ta' Jannar 2021, wara li l-kont kien ġie ttrasferit għal fuq terzi.[98] Ix-xhud esebixxa ukoll sensiela ta' kontijiet li jkopru perjodi differenti fejn il-qari kien dejjem dak attwali:[99] Bonnici jispjega li fuq medda ta' tletin ġurnata, 5 *unit* ta' konsum ta' dawl kuljum jammontaw għal tmintax-il Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Eur 18.23) fix-xahar filwaqt illi 7 *units* ta' dawl kuljum jammontaw għall-ħamsa u għoxrin Ewro u disa' u sebgħin ċenteżmu (Eur 25.79) fix-xahar, bil-*meter* ikun wieħed *single phase.* [100]

---

[98] Fol.181-184
[99] **Dok.RB** a fol.185-214i
[100] Fol 217-218

Riprodott l-Inġinier Tonna esebixxa rapport aġġornat,[101] wara inkarigu estiż mill-Qorti, biex janalizza l-kontijiet tal-ħanut.[102] Ikkonstata li f'ċerti xhur, per eżempju fis-sajf u partikolarment f'Santa Marija, meta l-ħanut ikun bix-*shut down*, il-konsum tad-dawl w ilma kien jitbaxxa ftit. Jirrizulta li hemm żewġ *dips* partikolari li huma għall-ħabta t'Awwissu, fejn jidher li għalkemm il-ħanut kien magħluq, xorta waħda baqa' jiġi reġistrat konsum ta' dawl. Tonna jkompli li mill-analiżi tiegħu, setgħa jikkonstata li d-differenza fil-konsum ta' *units* bejn perjodu w ieħor kienet ta' 5 sa 10 *units*.[103] Fil-fatt bejn ix-xhur ta' Lulju w Awwissu tas-sena 2019 u Lulju w Awwissu tas-sena 2020 kien hemm diskrepanza ta' 10 *units* filwaqt li l-konsum tal-ilma baqa' l-istess.

Madanakollu il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tiddetermina sal-grad rikjest mill-liġi il-valur totali ta' kurrent elettriku li Vassallo ibbenefika minnu w li għalih ħallsu l-Koppja Cesare.

Għalkemm fuq medda ta' tnax il-xahar il-probabilita` kbira hi li l-ammont ta' dawl li kkonsma l-imputat u li ħallsu għalih intortament il-koppja Cesare kien jeċċedi l-ammont ta' €232.94, fil-kamp penali ma hemmx lok għall-spekulazzjonijiet iżda fatti ppruvati bi provi ammissibbli.

Minn dawn ir-riżultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat l-imputazzjoni ta' serq ta' kurrent elettriku għad-detriment tal-koppja Cesare iżda ma tista' tikkwantifika sal-grad rikjest mill-ligi l-ammont ta' elettriku li ġie misruq.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjoni li qed tinstab ħtija dwarha, fejn l-imputat ma sab l-ebda diffikultà jisraq propju mingħand minn kien qed iħallsu sabiex jaqla' l-għixien minn tiegħu. Ittieħed kont tal-fatt li fl-ebda ħin ma jirrizulta li l-imputat wera xi rimors ghall-għemilu jew ipprova jikkumpensa lil koppja Cesare. Finalment ma setax ma jitqies ukoll li dan is-serq kien ilu għaddej xhur sħaħ biex b'hekk tirriżulta applikabbli d-dispożizzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

[101] **Dok.JTZ** a fol.172 et seq
[102] **Dok.JTZ1** a fol.178 et seq
[103] Fol.166-168

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 270 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah għal **ħmistax il-xahar (15)** priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett (3) snin m'illum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' €1,177.96 rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**